**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 345/09 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' April 1975, hekk kif jirrizulta mill-estratt tal-Att taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok MG 1;
2. Illi l-kontendenti m'ghandhomx tfal minuri;
3. Illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti impossibli, stante illi l-istess konvenut huwa hati ta' adulterju, ecessi, mohqrija, thedded u offizi gravi

da parti tieghu fil-konfront ta' l-istess rikorrenti, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment b'tort uniku ta' l-istess konvenut;

4. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu ta' dina il-Qorti; Digriet numru 733/09 datat 7 ta' Ottubru 2009 hawn anness u mmarkat Dok MG2;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-esponenti tghix separatament minn ma l-intimat;
2. Tillikwida l-ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament minn kull pensjoni tieghu li huwa ghandu jew jista' jkollu; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut kull sena;
3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;
4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48, 51, 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza izda mhux biss l-komminazzjoni li titlef kull dritt li jiret mill-attrici;
5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necesarjament ugwali u tassenja porzjon lill-esponenti u porzjon lill-konvenut ope sententiam, u jekk okkorrendo jkun il-kaz tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jigu inkorporati l-effetti kollha ta' kull eventwali sentenza u kuraturi sabiex jirrappezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din

il-Qorti l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u/jew jittiehed kont tal-valur taghhom fil-likwidazzjoni u apporzjonament tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, liema valur ghandu jitnaqqas mis-sehem spettanti lilu favur l-attrici fil-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, hija r-rikorrenti li rrendiet il-hajja matrimonjali mpossibli u kienet hatja ta' eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi u offizi gravi kontra l-intimat;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost hija r-rikorrenti li kissret irremedjabilment iz-zwieg u dan billi unilateralment u volontarjament iddecidiet li tabbanduna id-dar matrimonjali avolja l-intimat ma jixtieqx din is-separazzjoni;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, ma hemmx lok ghall-hlas ta' manteniment lir-rikorrenti u dan ghaliex hija ghandha impjieg bi hlas u l-intimat jippercepixxi biss pensjoni baxxa u ghalhekk ghandha tkun ir-rikorrenti li thallas manteniment lill-intimat;
4. Illi meta r-rikorrenti telqet mid-dar, hija hadet l-affarijiet kollha ta' valur li kellha u ghalhekk ma hemmx lok ta' restituzzjoni ta' beni dotali u / jew parafernali;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu hatret lil  Dr Yana Micallef Stafrace bhala perit legali f'din il-kawza, bis-soliti fakoltajiet ;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Jannar 2011 li permezz tieghu issospendiet l-inkarigu tal-perit legali u d-digriet taghha tad-29 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu hatret lil Dr. Francine Abela bhala assistant gudizzjarju f’din il-kawza ;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Frar 2012 li permezz tieghu regghet hatret lil Dr. Yana Micallef Stafrace bhala perit legali f’din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti; Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment ;

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr. Yana Micallef Stafrace minnha mahluf u pprezentat fil-15 ta’ April 2015 ;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici ;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti qeghda tirriproduci l-provi, il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tal-perit legali :

**“I Preliminarji**

1. Illi permess ta digriet ta din l-Onor Qorti datat 4 ta’ Mejju 2010 l-esponenti inhatret Perit Legali sabiex tisma’ x-xhieda u tirredigi rapport dwar il-proceduri odjerni.
2. Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-6 ta' April 1975;
3. **Ir-rikorrenti ippremettiet** illi l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom saret impossibli stante li kien hemm eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u ghaddiet biex **titlob** li din l-Onor Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet , tillikwida ammont ta manteniment , tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsjali dritt ghall-manteniment , tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-artikoli 48,51,52 tal-

Kap 16, ixxolji il-komunjoni tal-akkwisti, tikkundanna l-konvenut sabiex jirritorna l-beni dotali lill-attrici jew il-valur taghhom.

4. **Il-konvenut eccepixxa** illi kien tort tal-istess rikorrenti li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli minhabbba eccessi, mohqrija, thedid u sevizzi u offizi gravi u ulterjorment ukoll stante li din unilateralment u volontarjament abbandunat id-dar matrimonjali. Illi ma hemmx lok ghal manteniment stante li r-rikorrenti ghandha impiegu hu ghandu biss pensjoni u bhekk hi ghandha thallas manteniment lilu , r-rikorrenti kienet hadet maghha l-beni dotali u parafernali meta telqed mid-dar residenzjali.
5. Illi r-rikorrenti intavolat rikors fil-21 ta Frar 2014 fejn tablet li l-Onor Qorti taghmel taghha l-valutazzjoni moghtija lil garages nurmr 5 u 11 accessibbli minn drive-way fi triq il-kampanella Fgura Mill-Perit Hector Zammit skond l-istima Dok CZ1. L-Onor Qorti laqghat din it-talba fil-11 ta Marzu 2014.
6. Illi l-esponenti zammet diversi seduti fejn r-rikorrenti ippresentat il-provi taghha filwaqt li l-konvenut ma ressaqx provi oltre r-risposta b'hekk tista' tghid dan li gej :

## **Il Provi**

7. **Spettur Saviour Baldacchino** xehed hekk viva voce:

"Qed nipprezenta Dok SB okkorrenza wahda minn l-Ghassa ta' San Gwann.

Jien gejt mitlub naghmel tfitxija dwar rapporti li saru mill-attrici. L-Imsida ma sibt l-ebda rapport. Sibt wiehed fuq San Gwann u gibtu. Jien ma investigajtx l-incident izda sempliciment gibt kopja tar-rapport."

8. **Spettur Trevor Micallef** xehed hekk viva voce:

"Jien intlabt sabiex infittex rapporti maghmula mill-attrici u qed nesebixxi Dok TM, Rapport li sibt. Jien ma kontx personalment involut fl-investigazjoni."

9. **Andrew B** xehed hekk viva voce:

"Jiena t-tifel tal-partijiet. Jien illum ghandi 29 sena.

Jiena meta kont zghir ovvjament ma kontx naf x'inhu ghaddej bejn il-genituri tieghi. Fil-primarja bdejt nara li missieri dejjem go bar jew kazin, qatt ma hadni xi bandli. Bhala ikel dejjem kilna.

Fis-sekondarja kien irid li immur mieghu l-kazin u jien ma kontx immur ghax ma kienx jinteressani.

Id-dar kien jixrob minn filghodu flixken tal-*whiskey* u inbid. Gieli jibghat lilna nixtru anke meta konna zghar u noqoghdu San Giljan. Il-Kazin u l-bar 'Tony's Bar' kien l-aktar li jiffrekwenta fis-Sajf peress li teacher u kien ikollu il-hin. Aktar aghar fis-Sajf. Kien ihobb imur 'Tony's bar' ghax il-kaxxi tal-loghob ghalih kienu important, li hemm ix-xorb u l-kaxxi tal-loghob. Kien jidhol fis-sakra, imaqdar u jghajjar lili u l-huti u l-ommi ukoll gieli refa idu u tefalha xi oggetti.

Mis-sekondarja beda jifrekwenta l-Casino u aktar kien hemm tberbieq ta’ flus specjalment wara li biegh id-dar.

Konna noqoghdu go dar San Giljan li nbieghet xi sitt snin ilu. Jien kont diga’ tlaqt mid-dar ghax kelli xi nghid ma’ missieri. Dahal fis-sakra; meta kont zghir kont nibza’ u gieli gew hutu biex jghinuh izda ma kien jaghti kas ta’ hadd.

Ftit qabel ma nbieghet id-dar kien dahal u beda jghajjar u jghajjat u jien qbadt noffendih u cempilt l-Ghassa ta’ San Giljan. Qatt ma kont cempilt qabel ghax hu x’inhu missieri izda dak in-nhar ma flahtx ghal aktar u ma bdejtx nikkalkula fejn immur kif kont naghmel qabel u imbaghad hrigt barra ghax kont ghadni nibza’ ftit minnu u kienu gew xi erba’ Pulizija minn San Giljan u meta gew dhalt maghhom tela’ mill-mahzen u sab il-Pulizija ma’ wiccu u x’hin ra hekk inhasad u gie jigri biex itini u l-pulizija resqu u bdjen naghtu u x’hin raw hekk il-Pulizija nizzluh l-ghassa u hemm beda jheddidhom li ser joqtolni u haduni kamra ohra u ommi iffirmat biex imur Mount Carmel ghax il-Pulizija qalulha li mhux f’postu u haduh Mount Carmel. Ghamilt dak ix-xahar id-dar. Ommi regghet hafritlu u jien wara dan l-incident ma stajtx nibqa’ d-dar.

Wara dan inbieghet id-dar San Giljan fejn konna ilna hamsa u ghoxrin sena. Ommi ikkundizzjonata u li jghidilha taghmel u li taraha tibza’ u thobbna fl-istess hin u b’hekk meta qalilha biex tbiegh hi ghamlet li qalilha hu. Ghalkemm jien u huti ippruvajna nifthulha ghajnejha.

Ommi kienet tibza’ li tinkiser il-familja u baghet mieghu. Dan nafu peress li qaltli hi u wkoll issa li ragel u niftakar dak li gara fid-dar nirrealizza wahdi.

Inbieghet id-dar u x’hin kellu l-flus f’idejh beda jfittex bl-ghaggla ghax ma kellhomx fejn jghixu.

Jiena wara li ghamilt Sajf wahdi kont mort lura San Giljan nghix mal-genituri u dan qabel ma nbieghet id-dar.

Sab flat il-Kappara is-Sundown Court bil-kera u morna nghixu hemm. Konna jien, ommi u ohti z-zghira ghax il-kbira lahqet izzewget.

Ghall-bidu il-Kappara kien sew u anke qabel wara li kien hareg minn Mount Carmel. Dam sew ghal sena li konna l-Kappara u mbaghad rega' qabad. Wara dak il-kaz ma regax ipprova jerfa' idu fuqi.

Wara din is-sena kien rega' jigi fis-sakra u jparla fil-vojt u kelli nerga' nitlaq. Fiz-zmien li kont fil-flat rega' gie fis-sitwazzjoni ta' xorb u loghob sakemm tlaqt mill-flat u krejt ghal rasi.

Kien il-hin kollu jircievi l-messaggi u iteptep fuq il-*mobile*. Dan hafna aktar minn normali anki peress li qabel qatt ma kien jaghmel hekk.

Jew ommi jew ohti kienu cempluli u qaluli li kienu waslu d-dar u raw wahda hierga mill-kamra ta' missieri fil-flat u harget mill-bieb ta' wara.

Meta kont zghir gieli qlajt swat minghandu. Imaqdarni. Qatt ma kiel maghna fuq mejda. Qatt ma hadna nieklu. Kien jiekol fuq is-sodda. Darba hadna nieklu n-nannu u telaq 'l hemm.

Kien kisser gallinar tal-hadid bija bis-swat meta kont tifel.

Darba tana bil-hadida u tlaqt 'l barra bix-*shorts* u bla zarbun. Huti bniet kien jitfalhom xi haga imma s-swat l-kbir jien qlajtu.

Missieri minn dejjem bil-problemi tax-xorb. Hadt ma jiqaflu u jibqa' ghaddej.

Ommi meta konna zghar ma kienetx tahdem. Bdiet tahdem meta kellha xi hamsin, hamsa u hamsin sena. Kienet tahsel il-platti ix-*Chalet Hotel.* kienet tbati ghax missieri ma jtihiex flus; bid-dejn, anke ma' tal-hobz.

10. **<u>Eileen Arpa</u>** (ID: 542779M) xehdet hekk viva voce:

“Missieri l-konvenut dejjem kien vjolenti fil-konfront tal-*mummy* u ta’ huti. Qatt ma kien igib ruhu sew mal-*mummy*. Dejjem jixrob u jilghab. Meta jigi lura u jkun tilef il-flus ikisser u jfittex fil-gwardarobba ghall-flus. Ahna bhala tfal konna mmorru nistahbew biex ma jsawwatniex ghax kien ifajjar idejh.

Minn dejjem niftakru vjolenti lill-missieri u ppruvajna nghinuh. Konna morna ahna tfal u l-*mummy* biex il-papa’ jiehu l-kors tax-xorb tas-Sedqa.

Ghamilna ftit perjodu sabih ta’ xhur u ergajna bdejna bhal qabel jekk mhux ghall-aghar. Dan kien xi 20 sena ilu meta konna zghar. Jien li kont il-kbira kelli tnax-il sena. Il-bzonnijiet kienet tmur tittalab il-mama’ ghand in-nannu u z-Ziju Tony sabiex ikollna x’nghixu. Il-papa’ ma kienx jaghtina flus bizzejjed. Il-*fridge* dejjem vojta. Dak iz-zmien ommi ma kienetx tahdem. Ahna tlett ahwa.

Meta kelli xi tlettax-il sena ommi bdiet tahdem *part-time* fi kcina.

Missieri kien jghajjat lilna t-tfal bghula u lill-mama’ “paxxti”

Darba ma obdejniehx ghax il-*mummy* kienet tohrogna u tehodna l-bandli u l-gnien u hu ma kienx irid u b’hekk qafilna fil-gnien gurnata fix-xemx. Dan biex nghzqu l-hamrija, biex innehhu l-hurrieq. Konna zghar. Jien jekk niftakar sew kelli ghaxar snin u sintendi huti izghar.

Niftakar inhallas jien u huti u l-mama’ mill-*part time* ghall-kont tad-dawl u ilma u missieri ma jridx ihallas. Lanqas kemm nixghelu l-gizer biex inzommu l-kont baxx, lanqas fannijiet. Meta bdejna nahdmu qal li l-kont f’idejna. Jien bdejt nahdem ta’ erbatax-il sena. Kelli sittax meta bdew jahdmu huti u bdejna naqsmu l-kont.

Meta bdejt nahdem ta’ erbatax kont bdejn nahdem minhabba l-*“O” levels* (hlas taghhom) u kont nixtri x-xirja li hemm bzonn ghall-familja kull gimgha. Kont naqla’ letin Lira (LM30) fil-gimgha.

Konna nippruvaw intuh xi rigal u hu jghid: “u itfaw hemm..” ”

11. **Eileen Arpa** xehdet ukoll permezz ta affidavit.
    Ix-xhud xehdet kif minn dejjem kien hemm incidenti ta vjolenza fejn kien involut l-intimat . Kellu ukoll il-vizju tax-xorb u tal-loghob u izomm il-familja nieqsa mill-flus.
12. **Edward Arpa** xehed hekk viva voce:

“Jien nigi r-ragel ta’ Eileen Arpa. Meta konna gharajjes kienet tigi ghand il-genituri tieghi fejn kont nghix u dejjem bil-guh. U tiekol ghandi. Darba giet bi tbengil u grif ma saqajha, idejha u wiccha u bdiet tibki ghax missierha wadbilha l-*fan.* Dan kien meta kienet bdiet tkellimni u b’hekk probabbli kellha tmintax, ghoxrin sena. Ma riditx taghmel certifikat il-*polyclinic* ghax bezghat li jkecciha.

Jien qbadt u mort id-dar ta’ missierha u bdejt inhabbat mal-bieb u naghti bis-sieq u ma fetahx u wara ftit fethet oht l-mara Sandra u ghalqet il-bieb biex tevita l-inkwiet.

Fl-ahhar zminijiet meta konna diga’ mizzewgin u qabel ma nfirdu l-genituri kienu qed joqoghdu l-Kappara.

Niftakar li omm il-mara u Sandra kienu qabdu lil kunjatu ma’ mara ohra fil-kamra tas-sodda d-dar u mhabba f’hekk riedet titlaq u giet ghandna li konna noqoghdu l-Fgura.

Ghall-ewwel ried li jien biss nidhol ghall-affarijiet u ghidtlu li ma stajtx nohroghom wahdi u gie l-gharus ta’ Sandra. Qabad jghajjat mar-ragel ta’ Sandra u ried jaqbad itih. Jien qbadtu minn dahru biex nigbdu u qabad flixkun tal-inbid u faqghu mal-koxxa tal-bieb. Gew il-Pulizija u bil-Pulizija hadna l-affarijiet.

L-ahhar li rajtu dakinhar.”

13. **Maria Rosaria B** (ID. 281049M) xehdet hekk viva voce:

“Jien l-ahhar li kellimt ir-ragel kien iz-zminijiet meta infethet il-kawza. Minn dak iz-zmien qatt ma ikkomunika mieghi. Ircevejt

ritratt tat-tieg minghandu dal-Milied li ghadda u naf li minghandu peress li kiteb fuq wara."

14. Xehdet ukoll permeżż ta Affidavit. Xehdet li z-zwieg tkisser minhabba x-xorb, loghob, aggressivita' u krudelta fizika u mentali tal-intimat. Kien ukoll izomm il-familja nieqsa mill-flus. Dawn il-problemi kienu mill-bidu taz-zwieg. Xehdet fuq diversi sitwazzjonijiet fejn l-intimat kien jikkomporta ruhu b'dan il-mod. Saru diversi rapporti lill-pulizija. D-dar konjugali San Giljan inbieghet u x-xhud ma tafx x'gara mir-rikavat.Darba sabet mara barranija d-dar ma zewgha.
15. Wara li kellha titlaq mid-dar konjugali marret tghix mat-tifla taghha Eileen. Hi kient marret tahdem part-time meta kibru t-tfal sabiex tlahhaq mal-hajja.
16. **Anabelle Micallef** (rappresentatrici tal-*Malta Stock Exchange*) xehdet hekk viva voce:

"Qed nipprezenta statement f'isem C B ID 148046(M) u t-transazzjonijiet rigwardanti l-istess kont. Dok AM1 – AM2.

BSF Bonds jirreferi ghal *Baystreet Finance*.
CFC Bonds jirreferu ghall *Corinthia Finance*.
*New issue* tfisser li inharget sejha primarja ta' kumpaniji u mhux inxtraw mis-suq.

DOK AM1 juru l-istocks li ghandhom f'ismu.

Dwar valutazzjoni, din skond id-data l-valur ikun jew qabel it-2008 Liri Maltin u wara Euro. Fil-kaz ta' Bonds il-valur wiehed jasal ghalih billi jara l-kapital *x* il-prezz u *division by* 100. Is-shares l-ammont tal-Kapital *x* il-prezz biss. Fil-kaz tal-*Malta Government Stocks* irid ikun isir division by 100.

Fejn hemm miktub *Currency Conversion* dan ifisser li ma sar l-ebda caqliq izda biss l-ammont gie konvertit f'Euro.

Rigwardanti l-istock tal-Gvern li hemm fid-Dok AM1 – dan wiehed ikun irid jiccekja l-valur tieghu li jinbidel regolarment.

Fiz-zewg dokumenti l-ammonti kollha irid isir id-*division by* 100.”

17. **<u>Josianne Briffa</u>** xehdet hekk viva voce:
    “Jiena *compliance officer* mal-MSV Life plc

Qed nesebixxi dok JB, dettalji dwar polza f’isem C B policy no APO 28720.

Din polza fuq il-hajja. Din giet “*surrendered*” ghall- valur ta’ €26,950.50 fis-6 ta’ Gunju, 2012. Dan l-ammont ta’ flus gie mghoddi lil C B. Il-process sabiex gew irtirati dawn il-flus mexxihom C B u A B ma kellha l-ebda parti fiha.”

18. **Angela Borg** xehdet permezz ta affidavit. Xehdet l i Financial Controller ta Bay Street Finance plc fejn xehdet li skond ricerka li ghamlet, skond id-dokument anness mall-affidavit l-konvneut kellu ammont ta €2330 investiti bhala bonds ma’ Bay Street Finance .Fil-24 ta Novembru 2010 kien thallas l-ammont ta € 2376 .60 likwidazzjoni tal-istess bonds bhala kapital u premium.

## <u>III Rapport Perit Hector Zammit.</u>

19. Ir-rapport tal-Perit Hector Zammit, Dok MRG2, jaghti valuation ta “two garages internally numbered 5 and 11 accessible through a drive-way from Triq il-Kampanella Fgura”.
20. L-Perit ta valur ta ghaxart elef u disa’ mitt ewro (€10,900) lill- garage internally numbered 5 Triq il-Kampanella Fgura.
21. L-Perit ta valur ta tlettax il-elf u erba’ mitt ewro (€13,400) lill- garage internally numbered 11 Triq il-Kampanella Fgura.
22. Illi r-rikorrenti intavolat rikors fil-21 ta Frar 2014 fejn tablet li l-Onor Qorti taghmel taghha l-valutazzjoni moghtija lil garages nurmr 5 u 11 accessibbli minn drive-way fi triq il-kampanella Fgura Mill-Perit Hector Zammit skond l-istima Dok CZ1. L-Onor Qorti laqghat din it-talba fil-11 ta Marzu 2014.

## IV Komunjoni tal-Akkwisti

23. Il-komunjoni tal- akkwisti tikkonsisti f'
    a) "two garages internally numbered 5 and 11 accessible through a drive-way from Triq il-Kampanella Fgura" rapport Perit Hector Zammit.
    b) Cedola ta Depositu Bank of Valletta plcDok MRG3 fl-ammont ta Tlett mija u disgha u tmenin Euro (€389.00) 451/08
    c) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG4 fl-ammont ta ghaxart elf mitejn u u erbgha u disghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€10,294.35) 503/08
    d) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG5 fl-ammont ta erbatax-il elf sebgha u sebghin euro hamsa u sedghin centezmu (€14,077.95) 466/10
    e) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG 6 fl-ammont ta hames mija u sitta u sittin euro wiehed u tmenin centezmu (€566.81) 875/09
    f) Malta Government Stock 2022 (dok AMZ u AMZ1) valur €3029
    g)CFC Bonds 2009 (Dok AMZ)Valur € 501.75
    h)BSF Bonds 2012 (Dok AMZ, dok a fol 361 u 362 tal process). €2376.60
    i) MSV life Dok JB (Dok JB) sitta u ghoxrin elf disgha mija u hamsin euro u hamsin centezmu ( € 26,950.50)
    j) Vauxhall nova KAB 765 *arbitrio boni viri* valur ta €5000.

24. Hemm bhala dejn il-fees spettanti lill- HSBC u BOV re ic-cedoli ta depositu li jammontaw ghal hames mija u sebgha u tletin Euro €537.

## V Manteniment

25. Illi l-attrici ghamlet talba ghal manteniment fl-ammont ta €300 fix-xahar. Fol 16.

## VI Konkluzjonijiet

**26.** Illi jidher car li z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut u ghandha tigi pronunzjata is-separazzjoni bejn il- kontentdenti u il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tinqasam f'zewg porzjonijiet bejn il-konjugi. Ma ingabu l-ebda brovi dwar assi parafernali jew dotali.

## VII Likwidazzjoni Komunjoni tal-akkwisti u Assenjazzjoni ta Manteniment

27. Jidher li l-konvenut ghandu fil-pussess tieghu is-segwenti: (vide sezzjoni IV Komunjoni tal-Akkwisti) **Porzjoni A**

g)CFC Bonds 2009 (Dok AMZ)Valur € 501.75

h)BSF Bonds 2012 (Dok AMZ, dok a fol 361 u 362 tal process). €2376.60

i) MSV life Dok JB (Dok JB) sitta u ghoxrin elf disgha mija u hamsin euro u hamsin centezmu ( € 26,950.50)

j) Vauxhall nova KAB 765 €5000.

Dawn ghandhom jigu assenjati lil konvenut Total ta erbgha u tletin elf tmin mija u tmeinja u ghoxrin uro hamsa u tmenin centezmu € 34,828.85.

28. Jidher li hemm is-segwenti assi li huma jew depositati l-Qorti jew immobbli jew stocks mhux likwidati:**Porzjoni B** (vide sezzjoni IV Komunjoni tal-Akkwisti)

a) "two garages internally numbered 5 and 11 accessible through a drive-way from Triq il-Kampanella Fgura" rapport Perit Hector Zammit.
b) Cedola ta Depositu Bank of Valletta plcDok MRG3 fl-ammont ta Tlett mija u disgha u tmenin Euro (€389.00) 451/08

c) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG4 fl-ammont ta ghaxart elf mitejn u u erbgha u disghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€10,294.35) 503/08

d) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG5 fl-ammont ta erbatax-il elf sebgha u sebghin euro hamsa u sedghin centezmu (€14,077.95) 466/10

e) Cedola ta Depositu HSBC Bank Malta plc Dok MRG 6 fl-ammont ta hames mija u sitta u sittin euro wiehed u tmenin centezmu (€566.81) 875/09

f) Malta Government Stock 2022 (dok AMZ u AMZ1) valur €3029

Dawn igibu total ta tnejn u hamsin elf sit mija u sebgha u hamsin euro u hdax-il centezmu € 52657.11. Din il-porzjoni ghandha tigi assenjata lill-attrici.

29. Hemm bhala dejn il-fees spettanti lill- HSBC u BOV re ic-cedoli ta depositu li jammontaw ghal hames mija u sebgha u tletin Euro €537.

30. Sabiex iz-zewg porzjonijiet ikunu ugwali, l-attrici ghandha thallas hi d-dejn rigwardanti c-cedoli ta depositu ( vide 29) u l-konvenut ikollu kredutu versu l-attrici ta stbatx-il elf mitejn u wiehed u disghin euro u sitta u ghoxrin centezmu €17291.26

31. Rigwardanti manteniment tal-attrici, l-esponenti sodisfatta li l-ammont ta tlett mitt- euro fix-xahar mitluba minnha huma ragjonevoli u fl-opinjoni tal-esponenti l-konvenut ghandu jigi ordnat jghaddi din is-somma mill-pensjoni tieghu kull xahar lill-attrici. Dan l-ammont ghandu jigi rivedut skon l-gholi tal-hajja kull tlett snin. L-konvenut ma ressaq l-ebda prova dwar kwalsijasi manteniment li setghet tkun dovuta lilu u fil-fehma tal-esponenti dan il-manteniment mhux dovut .

32. Fl-opinjoni tal-esponenti , ma tresqhux provi li iwasslu sabiex jigu applikati l-artikoli 48,51 u 52 fil-konfront tal-konvenut.

Daqstant l-esponenti ghandha l-unur tissottometti ghall-gudizzju ghaqli u superjuri ta din il-Qorti;"

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti :**

**Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg**

Illi dwar l-ewwel talba, u cioe' dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[1] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[2] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[3] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-***

[1] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)

[2] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

[3] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

***persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*** " u zzid tghid ukoll li " ***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali*** ".

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Rigward ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti hija tal-fehma li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici u dan peress li fl-assenza ta' provi min-naha tal-konvenut, il-verzjoni taghha hija wahda mhux kontraddetta u hi konfermata ghal-kollox mix-xiehda ta' uliedha, li matul iz-zmien ghexu maghha fid-dar matrimonjali.

Mill-provi, l-attrici irnexxielha tipprova sal grad rikjest mill-ligi li r-ragel taghha kien  ihalliha fil-bzonn tant li kellha tohrog tahdem u b'xi mod jipprova jcekkinha, meta hi dejjem baqghet iggib ruhha b'mod ezemplari. Il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-konvenut kien vjolenti ma' uliedu. Ix-xorb u l-loghob irrenda dan iz-zwieg wiehed li ma jistax jiffunzjona. Dan il-komportament ma hux komportament li jwassal ghal hajja mizzewga serena kif tixraq. Dan huwa kollu ikkoraborat mix-xiehda ta' ulied il-partijiet, li jghidu u jirrakkuntaw u jikkonfermaw il-vjolenzi li sofrew huma u li sahansitra kellhom jikkontribwixxu finanzjarjament meta hargu jahdmu, fil-fatt  bint il-partijiet Eileen Arpa  tghid li kellha tohrog tahdem meta kienet ghadha minuri biex thallas l-ezamijiet u kienet tixtri xirja kull gimgha ghall-familja. Hija irresponsabbilita' kbira u manifesta li missier, f'dan il-kaz il-konvenut, ihalli lil uliedu minuri jbatu b'dan il-mod, biex jissodisfa l-vizzji tieghu.

Dan kollu huwa ikkorraborat ukoll mid-dokumenti varji prezentati fil-mori tal-kawza li juru investimenti sostanzjali kollha fil-kontroll tal-konvenut, ghalhekk il-verzjoni attrici li l-konvenut kien ihalliha fil-bzonn hija iktar verosimili. Hemm ukoll rapporti mal-Pulizija li saru mill-attrici u dan minhabba nuqqasijiet li kkommetta l-konvenut fil-konfront taghha (ara fol 453 u fol 455 tal-process). Il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni anke dawn ir-rapporti li wiehed minnhom juri li l-komportament tal-konvenut kien wiehed tali li kellu jigi mdahhal l-Isptar Mount Carmel. Dan certament ikompli jsahhah l-argument ta' l-attrici fis-sens li l-konvenut kien il-persuna li tort tieghu tkisser iz-zwieg bejniethom, minhabba dak kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk il-Qorti hawnhekk qeghda taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali u l-ewwel talba attrici jisthoqqilha li tigi milqugha b'dan li din il-Qorti tordna l-firda personali bejn il-partijiet tort tal-konvenut.

Izda l-Qorti ma taqblix mal-konkluzjoni tal-Perit Legali meta qalet li ma tresqux provi li jwasslu biex jigu applikati l-Artikolu 48, 51 u 52 fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk il-Qorti se taghmel referenza ghall-Artikoli 51 u 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqraw hekk,

*"51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

*"52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal*

*ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda."*

Ghalhekk tenut kont tal-Ligi hawn fuq citata, il-komportament abbuziv tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici jattira *ex lege* fil-konfront tieghu l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16.

**Dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici**

Primarjament u in vista tal-fatt li l-Qorti qeghda tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut u in vista wkoll tal-fatt li jirrizulta li l-attrici hija mara ta' certa eta u ghalhekk ssibha xi ftit jew wisq difficli biex tmantni lilha nfisha jew li ssib xi xoghol adegwat, il-Qorti se tghaddi biex tiffissa retta alimentarja li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici.

Il-Qorti hawnhekk se taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk, *"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom, skont il-mezzi u l-hila taghhom , li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja".*

Il-konvenut huwa pensjonat u persuna ta' certa eta, izda ma ngabet l-ebda prova dwar kemm ghandu pensjoni l-konvenut.

Ghalhekk in vista' ta' dan il-Qorti, thoss li ghandha taghmel taghha il-konkluzjoni tal-Perit Legali u tordna li l-konvenut ghandu jivversa s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' gimghat lill-attrici bhala manteniment ghaliha, b'effett mid-data ta' din is-sentenza, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-pensjoni tal-konvenut u dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

**<u>Dwar id-dekadenza tal-konvenut mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici</u>**

Illi din it-talba hija ibbazata fuq l-Artikolu 48(1)(d) u ghaldaqstant peress li l-konvenut huwa unikament hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet, din it-talba jisthoqqilha li tigi milqugha fl-intier taghha.

**<u>Dwar id-dekadenza tal-konvenut</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat taht il-kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikati kontra l-istess konvenut l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fl-intier tieghu.

**<u>Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi 23, 24, 27, 28, 29 u 30 tar-relazzjoni tal-Perit Legali u tiddikjara li taqbel mal-konkluzjoni ta' l-istess Perit Legli, salv il-paragrafi 28 u 30 ta' l-istess relazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti se tghaddi biex tassenja Porzjoni A lill-konvenut u Porzjoni B lill-attrici.

<u>Porzjoni A li ghandha tigi assenjata lill-konvenut:</u>

1. CGC Bonds 2009 fl-ammont ta' €501.75
2. BSF Bonds 2012 fl-ammont ta' €2376.60
3. MSV Life sitta u ghoxrin elf disgha mija u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€26,950.50)
4. Vauxhall Nova KAB 765 valur €5000

Dawn jammontaw ghall-valur ta' €34,828.85

<u>Porzjoni B li ghandha tigi assenjata lill-attrici:</u>

1. Zewg garaxxijiet numerati internament 5 u 11 accessibbli minn *drive-way* minn Triq il-Kampanella, Fgura li l-valur taghhom gie stabbilit ai termini tar-rapport Hector Zammit ipprezentat in atti, liema valur ma giex ikkontestat f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti qeghda tiehdu bhala wiehed reali. Ghalhekk il-Qorti tordna li dawn il-garaxxijiet imsemija ghandhom jigu assenjati in toto lill-attrici;
2. Il-flus kollha depozitati fil-Qorti mill-banek lokali ai termini tac-cedoli li jinsabu a fol 348, 350, 354 u 358 tal-process, li jammontaw ghal €24,792.11, u ghalhekk tordna li l-attrici tiehu l-ammonti depozitati permezz tac-cedoli

numru 451/2008, 503/2008, 466/2010 u 875/2009 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 89/2008;

Dawn jammontaw ghall-valur ta' €49,092.11.

Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li l-ispejjez fl-ammont ta' €537 relatati mac-cedoli ta' depozitu hawn fuq deskritti ghandhom jithallsu mill-attrici u dan peress li ta' din is-separazzjoni jahti l-konvenut u ghalhekk huwa l-konvenut li ghandu jhallas dawn l-ispejjez.

Ghalhekk, sabiex il-porzjonijiet ikunu ugwali, l-attrici ghandha thallas lill-konvenut l-ammont ta' €13,726.26, u dan wara li din il-Qorti naqset ukoll l-ispejjez relatati mac-cedoli ta' depozitu hawn fuq deskritti. Ghalhekk il-konvenut ghandu kreditu versu l-attrici ta' tlettax il-elf seba' mija sitta u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€13,726.26).

**<u>Dwar it-talba tal-beni parafernali u dotali li ghandhom jigu assenjati lill-attrici</u>**

Din il-Qorti qeghda taqbel mal-konkluzjoni tal-Perit Legali peress illi  ma jirrizultaliex li l-attrici ghandha xi beni parafernali u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa l-ewwel talba attrici fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li l-konvenut kien jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet ;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mitt Ewro (€300) kull erba’ gimghat b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, liema ammont ghandu jinqata’ direttament mill-pensjoni tal-konvenut u dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skont l-indici ta’ l-gholi tal-hajja ;

3. Tilqa’ t-tielet talba skont kif indikat fil-parti ta’ din is-sentenza intestata *Dwar id-dekadenza tal-konvenut mid-dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici* ;

4. Tilqa’ r-raba talba skont kif indikat fil-parti ta’ din is-sentenza intestata *Dwar id-dekadenza tal-konvenut ;*

5. Tilqa’ l-hames talba kif stabbilit fis-sezzjoni ta’ din is-sentenza intestata *Dwar it-talba tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti* **;**

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.